Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 297 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Chantelle Casha

Spettur Shaun Pawney

Vs

Wayne Camilleri

Illum 8 ta' Novembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Wayne Camilleri detenur tal-karta tal-identita Maltija 314092 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, u cioe talli nhar id-9 ta' gunju 2018 ghall-habta ta' 12:00hrs u/jew xi hinijiet qabel jew Triq San Gorg, Rahal Gdid u/jew f' dawn il-Gzejjer:

1) Ikkommetta serq ta' Gizirana tad-deheb ghad-detriment ta' Maria Carmela Gatt ID: 504452 (m) minn Haz-Zabbar u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-vjolenza;

2) U aktar talli laqa′ ghandu jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b′ qerq jew akkwistati b′ reat sew jekk dan sar f′ Malta jew barra minn Malta jew xjentament b′ kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3) Talli nhar id-9 ta′ Gunju 2018 ghall-habta ta′ 11:45hrs u/jew xi hinijiet qabel jew Triq Karl Chircop kantuniera ma Triq San Frangisk, Rahal Gdid u/jew f′ dawn il-gzejjer bil-hsieb li jaghmel delitt wera atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi accidejtali jew indipendenti mill-volonta tal-hati u cioe talli pprova jisraq Gizirana tad-deheb ghad-detriment ta′ Paola Agius ID: 271941(m) mill-Fgura u/jew persuni liema attentat ta′ serq kieku gie ikkunsmat kien ikun aggravat bil-vjolenza u bil-valur;

4) U aktar talli laqa′ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b′ qerq jew akkwistati b′ reat, sew jekk dan sar f′ Malta jew barra minn Malta jew xjentament b′ kull mod iehor li jkun, indhalt biex ibieghhom jew imexxihom;

5) Talli bhar il-5 ta′ Gunju 2018 ghall-habta ta′ 11:55hrs u/jew xi hinijiet qabel jew Triq Mater Boni Consilii, Rahal Gdid u/jew f′ dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta′ Gizirana tad-deheb ghad-detriment ta′ Theodora Scerri ID: 505504(m) minn Rahal il-Gdid u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur;

6) U aktar talli laqa′ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b′ qerq jew akkwistati b′ reat sew jekk dan sar f′ Malta jew barra minn Malta jew xjentament b′ kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

7) Talli nhar is-26 ta′ Mejju 2018 ghall-habta ta′ 17:15 hrs u/jew xi hinijiet qabel jew Triq Mater Boni Consilii, Rahal il-Gdid u/jew f′ dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta′ Gizirana tad-deheb ghad-detriment ta′ Elisabeth Gabriela Nicolaescu ID: 1678232 (A) minn Rahal il-Gdid u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur;

8) U aktar talli laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' malta jew barra minn Malta jew xjentament b' kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

9) U aktar talli naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat, Dr. C. Stafrace Zammit LL.D) b' digriet datat 13 ta' Marzu 2018 u li permezz taghhom huwa nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet;

10) Il-Qorti hija, gentilment, mitluba sabiex f' kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati memmija, tirrevoka ' contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 13 ta' Marzu 2018 u tordna l-arrest mill-gdid yta' Wayne Camilleri kif ukoll, li tordna li l-ammonti kolla kemm depositati u kemm f' Garanzija Personali, li giet imposta fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11) U b' hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

12) Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' Gunju, 2018, fejn il-Qorti li rat l-Artikoli 41 (1) (a), 261 (a), 261 (a) (c), 262 (2), 267, 275, 276 A, 277 (a), 279 (a) u 280 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghall-piena ta' tlitt snin prigunerija.

Ordnat r-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest preventiv, moghti fit-13 ta' Marzu, 2018, u kif ukoll ordnat l-konfiska tad-depozitu u l-garanzija personali moghtija f' dak id-digriet favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Wayne Camilleri, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Lulju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **tirriforma** s-sentenza billi filwaqt illi **tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-esponenti appellant ser ikun qieghed jinterponi dan l-umli appell mill-piena erogata fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' ta' tliet snin prigunerija, meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Illi mbilli l-esponent jintbghat jiskonta sentenza ta' habs, hadd ma jkun qiegħed jibbenifika minnha, izjed u izjed ghar-riforma tal-esponent. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha l-opportunita' illi taghti cans iehor lill-esponent bhala incentiv sabiex jimxi fit-triq it-tajba, izda ghazlet li taghtih prigunerija effettiva minflok.

Il-Qorti u l-gurisprudenza nostrana dejjem ghalmitna illi persuna ikollha kemm ikollha kondotta kkulurita ghandha tinghata c-cans illi tirriforma, jekk ovvjament turi ix-xewqa illi tirriforma. Illi fil-kaz odjern, l-esponent qiegħed juri rimors ghal dak li ghamel, stante' anke' ammetta l-izball illi ghamel u rregistra ammissjoni, u forsi l-unika imbuttatura illi ghandu bzonn sabiex jimxi ' l quddiem f' hajtu hija opportunita' ohra mill-Qrati taghna.

Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Settembru, tas-sena 2003, il-Qorti qalet illi:

*' Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karcerarja tidher inadatta…Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero' llum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.'*

F' dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li sahansitra kienu recidivi, wkoll nghataw opportunita' ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aqulina, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Novembru, 2008, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi tieghu kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu ordni ta' Probation. Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa

kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizulta fin-negattiv… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrizultaw ghal qabel is-sena elfejn u tlieta (2003), u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja famijari wkoll pjuttost stabbli.

Fis-sentenza, **<u>Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

'Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak ii jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001) fl-ismijiet il-Pulizija V. George Farrugia: "Issa, huwa veru li l-appellant ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li din l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellant ilium ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta lqrati applikaw fii-konfront tieghu sia l-Artikoiu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero' , jinvolvu

multi u habs. Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' lAvukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbii" fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss ii ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."

Ghalhekk, kif intqal mill-Qrati diversi drabi, l-aspett illi jrid jigi inflitt huwa dak riformattiv u mhux dak retributtiv, kif sfortunatament ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, stante' illi skartat diversi kunsiderazzjonijiet a favur l-esponenti illi setghet hadet sabiex timponi piena aktar lejn l-aspett riformattiv milli dak retributtiv.

L-appellant ghadu zghir hafna fl-eta' u sfortunatament inhakem mill-vizzju mishut tad-droga. Huwa car li ghandu bzonn min jghinu jeghleb dan il-vizzju, u l-fatt li jmur jiskonta sentenza l-habs ha tkun izjed ta' detriment ghalih milli ta' gid, u zgur mhux ha tghin fir-riforma tieghu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz fir-rigward tal-piena stante li l-appellant kien gja irregistra ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-atti processwali jemergi illi fid-11 ta' Gunju, 2018, l-appellanti gie mressaq il-Qorti taht arrest akkuzat inter alia b'diversi reati ta' serq kommess minnu f'diversi okkazjoniiet, ta' ricettazzjoni u talli naqas li jhares wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali b'digriet datat 13 ta' Marzu, 2018 li permezz taghhom huwa inghata l-liberta provisorja. Illi fl-ewwel udjenza tas-smeigh tal-kawza u cioe' nhar l-11 ta' Gunju 2018, l-appellanti deher assistit minn Dr. Yanika Bugeja u wara li inqrat l-akkuza mill-ufficjal prosekutur, u kkonferma l-istess bil-gurament tieghu, l-akkuzat illum appellant ammetta l-istess akkuzi kif addebiti fil-konfront tieghu. Moghti zmien biex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu, l-appellant rega' rriafferma l-istess u l-avukat difensur tieghu talab li jigi nominat ufficcjal tal- probation sabeix ihejji *pre-sentencing report* dwaru.

Illi fl-atti gie presentat dan il-pre-sentencing report imhejji mill-Ufficcjal tal- Probation Marilyn Attard. Ghalkemm ma jirrizultax meta in effetti dan ir-rapport gie presentat. Jidher pero' li nhar il-25 ta' Gunju, 2018 l-ewwel Qorti ghaddiet biex taghti decizjoni a bazi tal-ammissjoni ta' l-istess akkuzat u wara li ddijkjaratu hati tal-akkuzi kollha ammessi minnu, kkundannatu ghal piena ta' tlett snin prigunerija.

Illi l-provi in atti huma skarsi pero' zgur li hemm l-istqarrija rilaxxjata mill-appellanti meta gie arrestat u interrogat, liema stqarrija giet esebita mill-prosekuzzjoni minn fejn jirrizulta illi din giet rilaxxjata fid-09 ta' Gunju, 2018 ghal habta tal-erbgha u kwart ta' wara nofsinhar (16.15) u dan wara li l-appellanti kien gie arrestat. Jidher mill-istess stqarrija illi l-appellant ammetta il- partecipazzjoni tieghu f'divesi serqiet u li ghandu problema kbira ta' abbuz ta' droga.

Fl-atti hemm ukoll kopja tad-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Claire Stafrace Zammit a fol. 65 dwar il-kundizzjonijeit tal-liberta provisorja moghtija minnha u minn ezami tal-istess, jirrizulta li d-data moghtija fl-akkuza ta' dan id-digriet huwa differenti mid-data li jidher fuq id-digriet esebit. Stante li l-akkuza taghmel referenza ghad-digriet datat 13 ta' Marzu 2018 waqt li id-digriet esebit u formanti parti mir-relazzjoni ta' l-Ufficcjal tal-probation jaqra' 6 ta' Lulju 2016

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-ohra li hemm fl-atti, senjalatament ma kopja tad-digriet esebit fl-atti ghaliex semmai kellu jirrizulta li l-appellant kellu jigi akkuzat li kiser kundizjoni tad-digriet datat 6 ta' Lulju 2016 u mhux 13 ta' Marzu 2016 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal tal-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xhur wara.

Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta'l-ammissjoni maghmula mill-persuna akkuzata tghallimna illi:

"*Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-***

***Pulizija vs George Cassar Desain***[1] . *F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.*" (sottolinjar tal-Qorti).

Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti, izda din il-Qorti tirrleva ex-ufficcio li jirrizulta mill-atti illi, abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija ghad-disa' akkuza billi dik il-kundizzjoni ma kienitx tezisti fil-jum citat mill-istess prosekuzzjoni.

Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-**artikolu 436(3)(c)** li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita', kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita'. Illi l din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom.

Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex trieq ohra hlief li tiddikjara l-appellant mhux hati ta' din id-disa' akkuza u tiliberah minnha.

Illi pero' l-appell tal-appellant hu koncentrat fuq il-kwsitjoni dwar il-piena errogata mill-ewwel Qorti u dan ghaliex fil-fehma ta' l-appellant tali piena hija sproporzjonata u eccessiva stante l-ammissjoni bikrija ta' l-istess appellant. In oltre l-avukat difensur tal-appellant argumenta li l-piena ghandha tkun wahda reformattiva u mhux retributtiva. Isostni li l-appellant ghadu zghir hafna u ghnadu bzonn minn jghinu jgheleb il-vizju tad-droga li hakmitu.

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti,

[1] Sentenza datata nhar is-27 ta' Ottubru, 1962 - Kollez. Deciz. XLVI.IV.911

madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat**[2] l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna sostniet:

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi*[3] *u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-*forma mentis* tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[4], **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[5] **u Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[6]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi.

Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard**[7] mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan tagħmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi*

[2] Deciza fil-15 ta' Frar 2012 – rAppell Numru 255/2011.
[3] Sottolinear u enfasi tal-esponent.
[4] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.
[5] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).
[6] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).
[7] Deciza fis-26 ta' Jannar 2001

> *piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami,*[8] *jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati,* ***jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.****"*[9]

Naturalment l-esponent ovvjament mhux ser jidħol fil-mertu jekk il-piena għandiex tingħata fil-minimu jew le – dik diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, wara li tkun semgħat il-kaz odjern. Inoltre, d-diskrezzjoni tal-Qorti fl-għoti tal-piena għandha tiġi eżerċitata fil-parametri li tipprovdi l-Liġi stess, altrimenti ma jkollniex is-saltna safja tad-dritt.

Illi f'dan il-kaz bizzejjed jinghad li l-appellant gie akkzuat bir-reat ta serq bis-sekwestru tal-persuna u din l-akkuza *ut sic* wahdeha timporta piena ta' prugnerija minn sena sa erbgha snin skond l-artikolu 275 tal- Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta. Issa skond l-artikolu 267A ukoll moghtija mill-prosekuzzjini fil-konfront tal-imputat u ammessa minnu l-piena ghandha tizdied bi zweg gradi u ghalhekk skond l-artikolu 31 (1) (b) (vi) il-piena titla sa sitt snin prigunerija. Illi f'dan il-kaz l-ewwel Qorti dehrilha (ghalkemm ma tatx motivazzjoni ghal liema raguni) li kellha tinfliggi piena ta' prigunerija ta' tlett snin. Illi jinghad li ma gie intavolat l-ebda Appell mill-Avukat Generali dwar piena f'dan ir-rigward.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat illum appellant u kellu din il-problema serju hafna ta' abbuz ta' droga u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita' sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita' u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga' jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta'.

[8] Sottolinear tal-esponent.
[9] Sottolinear / enfasi tal-esponent.

Illi f'dan il-kaz nhar is-6 ta' Settembru, 2018 din il-Qorti kif preseduta, innominat Probation Officer sabiex ihejji social inquiry report dwar l-appellant u ordnat lid - dirigenti tal-Caritas u/jew tas Sedqa sabiex ighamlu assessment u dan fid-dawl ta-dak li kien gie dikjarat verbalment li l-appellant qed ighin ruhu u jipprova jgheleb il-vizzju tad-droga.

Illi permezz ta nota datata 7 ta Settembru, 2018 l-Qorti giet infurmata li giet nominata il-Probation Officer Marilyn Attard. Illi nhar id-9 ta' Ottubru, 2018 xehdet il-Probation Officer u stqarret li kient ilha issegwi lill-appellant ghal diversi snin. Qalet li huwa jinsab detenut il-habs taht arrest in konnessjoni ma dan l-appell.

Qalet li minkejja li ghandu probelma kbira ta' abbuz u dipendenza ta' droga l-imgieba tieghu gewwa il-habs, mhiex wahda negattiva. Spjegat illi jirrizulta li Wayne kemm il-darba indirizza l-problema ta' dipendenza ta' droga sahansitra anke bi programm resienzjali ghal-kontra l-vizzju tad-droga izda dawn fallew kollha. Qalet ukolll li l-vizzju ta' droga qed ihalli efffett fuq sahha metnali tieghu. Fil-fatt jehtieg xi medicina sabiex tghinu ikun stabbli izda huwa ghandu tendenza jittraskura. Fil-present qed jiehu l-kura mill-habs, il-psikjatra tal-habs ikkonfermat li l-problemi li hemm gejjin mill-problema ta' dipendena ta' droga u mhux minhabba xi problema psikjatrika.

Spjegat ukoll li l-problemi ta' Wayne joholqu tensjoi fil-familja tieghu ukoll. Il-membri tal-familja ta' Wayne dejjem ipprovaw jipprovdu support u direzzjoni lil Wayne. Fil-fatt Wayne gej minn familja posiittiva li toffri struttura ta' support u ambjent tajjeb. Madankollu waslu f'punt li tant ghajjew li qabel ma jkun lura d-dar irid ikun indirizza l-problema li ghandu b'mod serju.

Hija ssuggeriet li sabiex jipprova jzomm lura minn still ta' hajja negattiv Wayne ghandu pjan li jzomm lura mill-kumpanija tal-hbieb u jqatta' hin u mal-membri tal-familja biss. Finalment intqal ukoll minnha li Wayne ghandu storja estensiva mal-ufficcjal tal-probation ukoll li minnha rrizulta li huwa persuna inaffidabbli u minkejja li saru diversi tentattivi sabeix jinghata' direzzjoni u ghajnuna huwa baqa' ma tghallimx.

In vista ta' dak kollu li intqal mill-Probation Oficer din il-Qorti mhiex tal-fehma li hemm xi cirkostanzi godda ghalfejn din il-Qorti ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qort meta giet biex terroga l-piena a bazai tal-ammissjoni tieghu stess salv li din il-Qorti mhiex qed issibu hati tad-disgha akkuza u hu appuntu ghalhekk biss li ser tnaqqas l-piena inflitta bi ftit.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet,din il-Qorti qiegdha tvarja is-sentenza appellata fis-sens illi tiddikjara li mhux qed issibu hati tad-disa' akkuza u ghalhekk tilliberah minnha u tikkonfermaha fil-bqija taghha fejn sabitu hati ta' l-ewwel tmien akkuzi u ghalhekk tirriforma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn kienet ikkundannatu ghal-tlett snin prigunerija u minflokk qieghda tikkundanna lill-appellant ghal-piena karerarja effettiva ta' tnejn u tletin xahar (32).

Oltre dan qed tirrevoka ukol dik il-parti tas-sentenza moghtija minn l-ewwel Qorti f'dik il-parti fejn kienet ordnat ir-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest preventiv, moghti fit-13 ta' Marzu, 2018, u kif ukoll ordnat l-konfiska tad-depozitu u l-garanzija personali moghtija f' dak id-digriet favur il-Gvern ta' Malta .

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur